MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 1396/2005

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Camilleri Matthew**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet Mobisle Communications Limited Limited vs Matthew Camilleri prezentata fit-28 ta' Gunju, 2005 fejn gie mitlub illi l-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u erbgha u sittin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm1,264.93) rapprezentanti prezz dovut in konnessjoni ma' client contract number 1003069.

Ra li l-konvenut kien legalment notifikat u baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni.

Ezamina u sema’ x-xhieda moghtija mill-PL Peter Sammut bil-gurament tieghu fej nikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Matthew Camilleri jhallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ elf mitejn u erbgha u sittin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm1,264.93) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-30 t’April, 2005 u bl-ispejjez kollha kif rikjesti fl-istess avviz u ta’ din l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------